# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sbatax (17) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2013, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda fit-3pm u mhux fil-5.30pm. Il-kunsillier Carlo Stivala kien qabel illi nibdew kmieni izda ċempel biex javza li mhux se jkun jista jattendi ftit qabel ma bdiet il-laqgħa u ġie skużat.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Carlo Stivala | Kunsillier |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi ma rċieva xejn mill-Viċi Sindku ta' Ħal Kirkop [ref punt 3.1]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi d-Dipartiment [DLG] qegħdin ifittxu lil ex-Sindku ta' Ħal Kirkop dwar korsijiet preċedenti li kien hu li kien il-koordinatur tal-kors tal-piroteknika meta ħalasna f'2011.

3.2 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk il-parking f'triq San Pawl sar bl-approvazzjoni ta' Transport Malta. Is-Sindku qal illi konna tkellimna magħhom rigward iz-zebra crossing fil-passat, waqt

illi d-deċiżjoni tal-parking ittieħdet issa u mhux qabel għalhiex persuna bdiet tinsisti li ħadd m'għandu jipparkja barra l-bieb tad-dar tagħha u qal illi kien hemm bzonn illi nevitaw parking 'illegali' fit-triq.

3.3 Il-kunsilliera preżenti, flimkien mas-Sindku, qablu li l-attivita t'April [ref punt 3.4] isir fl-4 t'April. L-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi se jkomplu fit-12 u 13 t' April. Is-Sindku reġa kkonferma li applikajna għal €17,200 fondi mill-GAL Xlokk imma jekk ma nieħdux dawn il-fondi se niġbru l-fondi għall-attivita.
Fuq punt ieħor, il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ra li hemm n-naħal fil-Ġnien ta' Ball u fakkar illi ftit seduti ilu hu u l-kunsillier Publius Abdilla kienu qalu li għandna nieħdu l-parir qabel ma ndħalu n-naħal fil-ġnien, waqt li l-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna naraw jekk hemm bzonn ta' permess peress illi huwa ġnien pubbliku. Is-Sindku qal illi ħa parir imma mhux rigward permessi. Il-kunsillier Publius Abdilla lmenta li s-Sindku għaġel u ħa deċiżjoni mingħajr il-kunsens tal-Kunsill. Il-kunsillier Publius Abdilla nsista li dawn l-affarijiet għandhom jiġu diskussi qael kif kien isir qabel u sema li sar 'reserved' f'triq Santa Marija u xtaq jara t-talba tar-reserved fuq il-mejda tal-Kunsill. Il-kunsillier qabel illi għandhom jiġu approvati.

3.4 Is-Sindku qal illi ċerti xogħolijiet ma jistgħux isiru għalissa għax wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL weġa sew u għandu bzonn iz-zmien biex jirkupra. Is-Sindku kien qed jirispondi mistoqsija dwar ir-raġunijiet għalfejn hemm xogħolijiet li għadhom pendenti.

3.5 Is-Sindku qal illi l-attivita ta' Diċembru għanda ssir fis-7 u 8 tax-xahar [ref 3.4 u ref 3.10]. Dan għalhiex se jkun hemm Paqpaqli għall-Istrina u l-Kunsill ta Żurrieq se jagħmel ġabra għall-Hospica Movement fl-istess zmien. Żied illi hemm persuna li lesta tagħmel ix-xogħol kollu b'xejn f'isem l-NGO "One for All" li tiġbor il-fondi għal skola ġol Kenya. Hi għanda taħdem bħala promoter u għanda tieħu ħsieb ħafna xogħol hi. Is-Sindku qal ukoll illi se jiprova jġib lis-soprano Clair Balloċċi biex idoqq fil-pjazza waqt l-attivita. Qal ukoll illi jixtieq isajjar l-ikbar majjal f'Malta fuq spit biex il-Kunsill/raħal ikun jista jkollu rekord nazzjonali. Qal illi biex dan isir għandna nħalsu €180 lil Malta Rekords. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil esprima l-ħsieb tiegħu li l-inizjattiva hija waħda tas-Sindku personali, u mhux tal-Kunsill. Għal din il-raġuni ma qabilx illi għandna nħalsu u li s-Sindku għandu jieħu r-rekord hu, u ċ-ċertifikat, hu. Is-Sindku qal illi l-mira tiegħu huwa biex jipromwovji r-raħal u qal illi mhux se jagħmel il-qliegħ. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-Kunsill għandu jkun imdaħħal fl-attivita u għalhekk qabel illi għandna nħalsu. Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx illi s-Sindku għandu jagħmel xi ħaġa personali waqt attivita tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal illi ma jistax jifhem id-diffikulta fuq dan il-punt u ma jarax għalfejn il-Kunsill m'għandux iħallas l-€180 għar-rekord.

3.6 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi xi drabi l-kennies mhux qed ilaħħaq max-xogħol waħdu u għalhekk jemmen illi s-sur Cedric Valletta [il-kap tal-kumpanija] għandu jaħseb fuq il-possibilta li jibgħat kennies ieħor biex jgħin lil dak illi qiegħed jaħdem fir-raħal [ref punt nr.7 ta-Aġenda].

3.7 Is-Sindku qal illi l-mirji ġew ordnati [ref punt 8.2].

3.8 Is-Sindku qal illi tnaddaf l-isqaq ġo triq San Ġorġ [ref punt 8.3]

3.9 Is-Sindku qal illi għandna nibdew nimlew in-noticeboard il-ġdid tal-Kunsill [ref punt 8.4]

3.10 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li t-tabella ta triq San Ġwann [ref punt 8.5] għada ma twaħħlitx wara dawn ix-xhur kollha. Is-Sindku qal illi dan ma sarx minħabba d-dewmien ta' persuni oħrajn u qal illi fil-fatt hemm pagament fil-PAS għas-sieq t'aluminium għat-tabella. Qal ukoll illi l-Kunsill ħa ħsieb ħafna proġetti fiż-żmien kemm ilha nieqsa t-tabella u ma bqajniex hawn ma nagħmlu xejn. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil irisponda li attivitajiet jiġu u jagħdu imma affarijiet bħat-tabelli jibqaw u għandhom izjed importanza.

**4. Approvazzjoni tal-pagamenti**

4.1 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk il-pagament għal bricks huma parti mit-Tender illi l-Kunsill ħareġ għal bini tal-I.T Room. Is-Sindku qal illi iva. Qal ukoll illi qed nixtru materjal biss u mhux qed isir ħlas għax-xogħol. B'hekk qegħdin nifrankaw il-flus.

4.2 Il-kunsilliera qablu u approvaw il-Payment Approval Sheet.

**5. Korrespondenza**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ma kellu l-ebda korrespondenza t'importanza għal laqgħa, waqt illi l-kunsilliera ma kellhomx mistoqsijiet dwar il-korrespondeza li kien imnizzel fuq il-karta tal-"Incoming"

**6. CCTV triq l-Iskola**

6.1 Is-Sindku qal illi jixtieq jagħmel kamera fit-triq biex inkunu nistaw naqbdu lil min jipparkja fuq id-double yellow fejn l-ATM u biex naqbdu minn jiġi u jagħmel l-istorbju waqt il-ħin ta' mistrieħ. Il-Kunsill qabel mal-proposta. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk għandniex nixtru kamera. Is-Sindku qal illi se nuzaw kamera li kelna f'triq il-Kuċċard u se nħalsu biss għall-installazzjoni u għal cable.

**7. Ambaxxatur tal-Lokalita [għaż-żagħżagħ]**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill għandu jagħżel persuna bejn 16 u 18 il-sena biex hu jew hi tippreżenta l-lokalita bħala Ambaxxatur. Il-persuna se jkun jista jattendi l-laqgħat tal-Kunsill mingħajr ma jkollu d-dritt tal-vot. Is-Sindku qal illi huwa importanti li nagħzlu persuna li nistgħu nafdaw u li kien fil-Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ. Għal dan ir-raġuni sema l-isem tas-sinjorina Raissa Borg. Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla qalu li ma jafux min hi u oġġezzjonaw illi l-Kunsill ma kellux izjed żmien biex jieħu deċiżjoni. In-nominazzjoni tas-sinjorina Borg saret bil-vot fejn is-Sindku u l-Viċi Sindku vvutaw favur, waqt illi l-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla astenjaw peress illi ma jafux il-persuna u għax ma kienx hemm zmien biżejjed biex tittieħed deċiżjoni. Għamlu talba biex is-Segretarju jressaq l-ilment tagħhom lid-Dipartiment. Is-sinjorina Raissa Borg b'hekk ħadet il-kariga t'Ambaxxatriċi tal-lokalita. Il-Kunsill qabel illi għandna nilmentaw mad-Dipartiment fuq il-mod kif saret il-proċedura, fejn il-Kunsill irċieva l-avviz, kellu jagħmel laqgħa, jieħu deċiżjoni u jagħti l-isem f'inqas minn ġimagħtejn. Matul dawk il-ġimagħtejn il-Kunsill sab diffikulta biex jiltaqa, waqt illi meta l-Kunsill irċieva l-avviz is-Segretarju Eżekuttiv kien qiegħed barra mill-pajjiz.

**8. Kwotazzjonijiet tas-siġar [triq Il-Ħajt Ruman]**

8.1 Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx illi għandna nneħħu s-siġar minn posthom. Staqsa jekk hux jitpoġġew x'imkien ieħor. Is-Sindku qal illi dak huwa l-ħsieb izda x'aktarx mhux f' Ħal Safi stess. Qal illi qegħdin jagħmlu l-ħsara u ma jixtieqx illi jagħmlu l-ħsara x'imkien ieħor fir-raħal. Qal ukoll illi tkellem ma persuna illi forsi jkun lest biex jaqlahom u jeħodhom hu. Peress illi dan il-persuna m'għandux b'xiex jaqlaħhom hu, kelna noħorġu sejħa għall-istimi.

8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ipreżenta l-istima li rċieva. Dawn kienu ta €450 mis-sur Dennis Scicluna u €800 mis-sur Ricky Caruana. Il-Kunsill qabel fuq l-għażla tas-sur Scicluna bħala l-irħas wieħed. Kien

hemm qbil ukoll illi l-persuna li jiltaqa mas-Sindku biex jieħu s-siġar ikun jista jeħodhom wara li jitneħħew, mingħajr ma l-Kunsill iħallas spejjez tat-trasport. Il-Kunsill se jagħmel konkos fuq il-bankina wara li jsir ix-xogħol.

**9. Proġett: Ta' Ġawħar**

9.1 Is-Sindku qal illi l-area qed jiġi mnaddaf u se jidħol sax-xibka tal-ajruport. Qal illi jixtieq li nneħħu l-bużbież u esprima l-ideja li ssir bankina fil-pront malli nneħħu l-bużbież. Il-Kunsill diġa applikka għal fondi għal dan il-proġett mal-Gal Xlokk [kien marbut bil-ħin u kellu japplika qabel il-laqgħa].

9.2 Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġerixxa li nagħmlu CCTV biex naqbdu lil min qed jarmi ż-żibel hemm. Is-Sindku qal illi minħabba l-ispejjez mhux se tkun faċli li nħalsu għal kamera. Qal ukoll illi avolja l-bankina se tiswa eluf t'ewro's, inħalsu ammonti simili biex inaddfu l-post matul perjodu ta' ftit snin. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi qabel ma jkun hemm qbil fil-Kunsill rigward dan ix-xogħol, għandna nisetjaw baġit. Fl-istess ħin qal illi jaqbel mal-ideja.

9.3 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qabel mal-ideja wkoll u staqsa jekk il-ħaddiema tal-IPSL se jagħmlu dan ix-xogħol. Is-Sindku rrisponda fin-negativ. Il-Kunsill qabel illi nagħmlu stima qabel ma ssir deċiżjoni. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ukoll illi għandna nagħmlu talba lil EneMalta biex jagħmlu bozzoz fl-area. Qabel ukoll mal-proposta biex nagħmlu kamera.

9.4 Il-Viċi Sindku staqsa kemm nħalsu kull sena bħala tindif tal-post. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku qalu li ma jistawx jagħtu ammont dak il-ħin izda li l-ammonti huma kbar ħafna.

**10. Kunċert tal-Milied**

10.1 IL-Viċi Sindku Johan Mula qal illi ġie diskuss il-possibilta li ssir kunċert waqt laqgħa tal-Kumitat tal-Kultura u Edukazzjoni. Qal illi kienu qegħdin jipjanaw l-attivita għall-21 ta' Diċembru u li ssir fis-sala tal-iskola. Qal illi l-Kunsill ma jkollux iħallas għall-użu tas-sala u qal illi t-tfal li qegħdin fil-kors tad-Drama għandhom jagħmlu play u żifna. Qal ukoll illi se jkun hemm il-parteċipazzjoni tal Kor Kreattiv u tal Kor Sine Macula, waqt illi ppropennew li ssir kompetizzjoni tat tfal bejn Year 3-6 fejn jiktbu poeziji u

dawk li jiġu l-1 u t-2 jieħdu premju. Il-kategoriji għandhom ikunu mqassmin Year 3 u 4 flimkien u Year 5 u 6 flimkien. Qal ukoll illi min jattendi se jidħol b'xejn.

10.2 Il-kunsillier Publius Abdilla faħħar l-inizjattiva izda ma qabilx li ssir kompetizzjoni. Qal illi jemmen illi kulħadd għandu jieħu xi ħaġa bħala tifkira tal-parteċipazzjoni. Qabel illi l-ewwel 2 minn kull kategorija jieħdu ktieb izda qal li kulħadd għandu joħroġ mis-sala b'xi ħaġa. Il-Viċi Sindku qal illi l-kap tal-iskola u s-surmast Tony Pace kienu qablu li l-ewwel 2 jieħdu premju. Il-kunsillier Publius Abdilla talab lis-sur Mula biex jressaq is-suġġeriment tiegħu lil Kumitat

10.3 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa min se jkun fil-ġurija tal-kompetizzjoni. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi dawn se jkunu is-sinjorina Joanna Zammit Falzon, is-sur Paul Callus, is-sur Saviour Sammut u s-sinjorina Maria Pace. Is-Sindku ma qabilx illi l-ġurija tkun magħmula minn residenti tar-raħal biex ma jkunx hemm konflitt t'interess. Għalhekk issuġerixxa li ssir talba lill-kulleġġ ta San Benedittu [Sekondarja] biex jibagħtu 3 għalliema li qatt ma ħadmu fl-iskola ta' Ħal Safi u ma jkunux mir-raħal. Kien hemm qbil fuq is-suġġerimenti tas-Sindku, kif ukoll tas-sur Abdilla. Il-Viċi Sindku Johan Mula se jressaq dawn is-suġġerimenti waqt il-laqgħa tal-Kumitat.

10.4 Il-Viċi Sindku qal illi peress illi d-dħul se jkun b'xejn, jixtieq illi jsir ġbir għall-iskola. Is-Sindku qal illi din it-talba tal-Kumitat trid titressaq lil-kap tal-iskola u mhux lil Kunsill.

**11. Fuljett**

11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab illi l-kunsilliera jibagħtu l-ewwel draft tal-messaġġi tagħhom sa nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru

11.2 Il-Kunsill qabel illi nużaw is-servizz tal-Veritas Press peress illi kellhom l-irħass prezz għal kull talba li saret [pg nos kif ukoll B/W u kulur]

**12. Ħwejjeġ Oħra**

12.1 Il-Viċi Sindku qal illi attendew 50 ruħ għall-ħarġa fl-1/11/2013 [Bird Park u Aquarium] u li kien suċċess kbir. Qal ukoll illi l-prezz stajna nħaluħ irħis għax ħadna trasport b'xejn minn maħa tal-MEUSAC.

**13. Laqgħa li jmiss**

13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7pm.

13.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fl-21 ta' Novembru fit-3pm wara li qablu bejniethom il-kunsilliera. Il-Kunsill għandu laqgħa mal-President il-ġdid tal-AKL wara u għalhekk il-laqgħa se tibda qabel il-5.30pm

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |